**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 26 ta' Mejju 2022

Rikors Ġuramentat Numru: 17/2012 AL
*Fl-ismijiet*:

**A B**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku, u**

**b'Digriet tas-7 ta' Awwissu 2013 ġew Kjamati fil-Kawża C B, D B, E B u F Z bħala ulied G B u,**

**H I, J K, L M, N I, O M I, P Q, R I bħala ulied N I, u S I u T I bħala mart u l-bint tal-mejjet U I iben N I, u**

**b'Digriet tat-12 ta' Novembru 2019 stante l-mewt ta' F Z il-ġudizzju ġie trasfuzz f'isem V Z u W Z**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur,[1] li permezz tiegħu ppremetta:

*Illi huwa l-wild naturali ta' C B, u twieled fis-16 ta' Novembru, 1988 (dok. A);*

*Illi fuq l-Att tat-Twelid, missier l-esponnet gie identifikat bħala G B, ir-ragel ta' C B, illum mejjet (dok. B);*

*Illi l-missier naturali tal-esponent huwa N I, u fit-13 ta' Marzu, 1991 huwa gie rikonoxxut bhala l-wild naturali tieghu permezz ta' kuntratt quddiem in-Nutar Dottor Clyde La Rosa (dok. C);*

*Illi N I miet fl-4 ta' Mejju 2009 (dok. D);*

*Illi l-Att tat-Twelid tal-esponent qatt ma gie modifikat fil-parti li tirreferi ghad-dettalji tal-missier ta' l-esponent u ghaldaqstant dan ma jirrispekjax il-verita;*

*Illi ai termini tal-artikolu 77C tal-Kodiċi Ċivili, l-esponenti bhala l-persuna illi tintlaqat direttament bit-tibdil fl-Att tat-Twelid, jista' jzomm il-kunjom tieghu prezenti u cioe B;*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna:*

1. *Tiddikjara illi l-esponent A B ma huwiex iben G B iżda iben N I in vista tar-rikonoxximent li sar mill-istess N I nhar it-13 ta' Marzu, 1992;*

2. *Konsegwentament tordna lill-intimat sabiex jiehu hsieb jaghmel il-korrezzjoni fl-att tat-twelid fis-sens illi minflok il-konnotati ta' G B, jitnizzel isem N I, u tordna li ssir kull modifika ohra li tkun mehtiega f'dan l-att sabiex jitnehha kull referenza ghal G B u kull modifika ohra li tkun mehtiega f'kull att iehor relattiv u sussegwenti;*

3. *Tordna wkoll lill-intimat sabiex ai termini tal-artikolu 77C tal-Kodiċi Ċivili, il-kunjom tal-esponenti izda jibqa dak B.*

---

[1] Fol. 1.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku,[2] fejn eċċepixxa:

1. *Illi fl-ewwel lok huwa indispensabbli għall-integrita' u għall-aħjar riżoluzzjoni ta' din il-kawża, li jiġu msejħa fil-kawża l-partijiet kollha interessati u ċioe' omm ir-rikorrenti, il-werrieta tar-raġel tagħha G B u l-werrieta ta' N I;*

2. *Illi fit-tieni lok u minghajr preġudizzju għas-suespost, huwa opportune li r-rikorrenti jispeċifika taħt liema artikolu tal-liġi huwa qiegħed isejjes l-azzjoni tiegħu ħalli b'hekk l-esponenti jkun f'qagħda aħjar li jkun jista' jwieġeb għal din il-kawża;*

3. *Illi, dejjem mingħajr preġudizzju għal premess, ir-rikorrenti jrid fl-istess waqt jegħleb il-presunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta billi adegwatament u konvinċentement juru li l-pussess ta' stat tiegħu ma jaqbilx mal-att tat-twelid tiegħu li jġib in-numru ta' reġistrazzjoni 5399 tas-sena 1988;*

4. *Illi subordinatament f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, din l-Onorabbli Qorti għandha tordna li jiġu mneħħija l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem G B, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm millAtt tat-Twelid numru 5399/1988;*

5. *Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-surreferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

6. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħed jiġi nġunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

[2] Fol. 22.

Rat in-nota ġuramentata ta' H I u O Gallacher, fejn huma ddikjaraw *"li huma ma jopponux ruħhom għat-talba tal-attur iżda ma għandhomx ibatu spejjeż state li l-attur kellu żmien biex jintavola dawn il-proċeduri kontra missier il-konvenuti aħwa I u tali talbiet qed isiru issa a fini ta' sehem riżervat. Illli huma dejjem irrikonoxxew lill-attur bħala ħuhom minn l-istess missier"*;[3]

Rat in-nota ġuramentata ta' J K, fejn iddikjarat *"li taqbel mat-talbiet tal-attur iżda hija ma ghandhiex tbati spejjez stante li l-attur kellu kull opportunita li jaghmel l-kawza lil missier, stante li hija ma wirtitx lil missierha u stante wkoll li hija diga awtorizzat lill-eredi biex jghaddu s-sehem rizervat lill-attur meta jigi dikjarat li hui ben missierha, kif del resto ghamlu l-intimati kollha hutu"*;[4]

Rat in-nota ta' P Q, S I u T I, fejn iddikjaraw *"li huma qed jammettu t-talbiet ta' din il-kawża, u peress li l-fatti tal-kawża odjerna ma grawx minħabba nuqqas tagħhom, huma m'għandhomx jeħlu l-ispejjeż ta' din il-kawża"*;[5]

Rat illi fl-udjenza tal-5 ta' Novembru 2013, F Z ammettiet il-kontenut tat-talbiet ta' ħuha, filwaqt li C B tat ruħha b'notifikata bir-rikors promotur u l-avviż tas-smigħ u konsegwentament kkonfermat il-kontenut tat-talbiet ta' binha;[6]

Rat illi għalkemm debitament notifikati ai termini tal-liġi, D B, E B, L M, N I u R I, ma weġbux għar-rikors ġuramentat u għaldaqstant jinsabu fi stat ta' kontumaċja;

Rat iċ-Ċertifikat tat-Twelid tal-attur A B, li jġib in-numru progressiv 5399 tas-sena 1988;[7]

Rat iċ-Ċertifikat tal-Mewt ta' N I, li jġib in-numru progressiv 1321 tas-sena 2009;[8]

Rat il-kuntratt datat 13 ta' Marzu 1992 li jinsab fl-atti tan-Nutar Dr Clyde La Rosa, liema kuntratt sar minn N I bin-numru tal-karta tal-identita' Maltija XXX,

---

[3] Fol. 42.
[4] Fol. 43.
[5] Fol. 44.
[6] Fol. 48.
[7] Fol. 4.
[8] Fol. 11.

fejn ġie ddikjarat illi huwa l-missier naturali tal-attur u kif ukoll li permezz tal-istess att qiegħed jirrikonoxxi lill-ibnu bħala l-iben naturali u dan għal kull fini u effett tal-liġi;[9]

Rat l-affidavit ta' N I, l-allegat missier, ġuramentat nhar id-9 ta' Marzu 1992, anness mal-kuntratt surreferit;[10]

Rat l-affidavit ta' C B, omm l-attur, ġuramentat nhar l-4 ta' Marzu 1992, anness mal-kuntratt surreferit;[11]

Rat l-affidavit ta' A B, ġuramentat 9 ta' Ottubru 2012 quddiem in-Nutar Dr N Hili,[12] u kif ukoll ix-xhieda tiegħu;[13]

Rat l-affidavit ta' C B, omm l-attur, ġuramentat nhar id-9 ta' Ottubru quddiem in-Nutar Dr N Hili,[14] u x-xhieda tagħha;[15]

Rat l-affidavit ta' F Z, oħt l-attur, ġuramentat nhar id-9 ta' Ottubru 2012 quddiem in-Nutar Dr N Hili;[16]

Rat id-digriet tas-7 ta' Awwissu 2013 fejn il-Qorti laqgħat it-talba tal-attur kif dedotta fir-rikors tas-6 ta' Awwissu 2013, u dan sabiex jiġu kjamati fil-kawża omm l-attur, ulied G B, u ulied N MaKay;[17]

Rat id-digriet tal-14 ta' April 2016, fejn il-Qorti laqgħat it-talbiet tal-attur, ċjoe': (i) sabiex is-Supretendent tas-Saħħa, l-iSpettur tas-Sanita' fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata, u lir-Rettur tal-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu jiżguraw li l-qabar fejn jinsab midfun l-allegat missier ma jinfetaħx, ma jċaqalqu l-ebda korp, ma jiddisponux jew inaddfu l-qabar fejn jinsab midfun il-mejjet N I, (ii) taħtar esperti sabiex jagħmlu l-eżamijiet ġenetiċi fuq il-korp tal-mejjet N I, (iii) sakemm

---

[9] Fol. 5.
[10] Fol. 7.
[11] Fol. 9.
[12] Fol. 32.
[13] Fol. 81.
[14] Fol. 33.
[15] Fol. 87.
[16] Fol. 34.
[17] Fol. 41.

il-konvenuti kollha jwieġbu, toħroġ ordni temporanja fis-sens tal-ewwel talba, u konsegwentament ħatret lil Dr Marisa Cassar għal tali fini tat-tieni talba;[18]

Rat id-digriet tad-19 ta' April 2016, fejn il-Qorti laqgħat it-talba tal-attur, ċjoe' sabiex tordna lis-Supretendent tas-Saħħa, l-iSpettur tas-Sanita' fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata, u lir-Rettur tal-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu jiżguraw li l-qabar fejn jinsab midfun l-allegat missier ma jinfetaħx, ma jċaqalqu l-ebda korp, ma jiddisponux jew inaddfu l-qabar fejn jinsab midfun il-mejjet N I;[19]

Rat id-digriet tad-9 ta' Jannar 2018, fejn il-Qorti laqgħat it-talbiet tal-attur, ċjoe': (i) sabiex taħtar espert li jkun jista' jagħmel l-arranġamenti kollha sabiex issir l-eżumazzjoni u jassisti fl-eżerċizzju tal-qlugħ tal-għadam, (ii) taħtar dawk l-esperti addizzjonali tad-DNA li jkun hemm bżonn li jiġu nominati sabiex jassistu lil Dr Marisa Cassar issib ir-riżultanzi tat-testijiet ġenetiċi f'każ li dawn jirriżultaw inkonklussivi, u (iii) tagħti dawk id-direzzjonijiet u l-ordnijiet kollha li tħoss li huma idoneju fiċ-ċirkostanzi, u konsegwentament ħatret lil Dr Mario Scerri;[20]

Rat ir-rapport ta' Dr Mario Scerri dwar il-proċess tal-eżumazzjoni tal-kadavru ta' N I li seħħet nhar il-15 ta' Marzu 2018, maħluf u ppreżentat nhar l-4 ta' Frar 2019;[21]

Rat l-affidavit ta' Dr Marisa Cassar, maħluf u ppreżentat nhar l-1 ta' Frar 2019, fejn annettiet rapport tat-test ġenetiku li jikkonferma li d-defunt N I huwa l-missier naturali tal-attur A B;[22]

Rat id-digriet tat-12 ta' Novembru 2019, fejn il-Qorti laqgħat it-talba tal-aħwa V u W Z sabiex ai termini tal-Artikolu 806 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jassumu l-atti minnflok ommhom F Z li għaddiet għal ħajja aħjar fil-mori tal-kawża odjerna;[23]

Rat in-nota tal-attur datata 28 ta' Frar 2020, li permezz tagħha ppreżenta dikjarazzjoni mingħand in-Nutar Dr Clyde La Rosa dwar l-ammissjoni tad-defunt

---

[18] Fol. 112.
[19] Fol. 118.
[20] Fol. 164.
[21] Fol. 169.
[22] Fol. 189.
[23] Fol. 216.

N I li huwa fil-fatt il-missier naturali tal-attur, li mal-istess dikjarazzjoni hemm anness ukoll l-affidavit tal-mejjet u ta' omm l-attur C B;[24]

Rat in-nota ġuramentata tal-attur datata 28 ta' Frar 2020, permezz ta' liema indika d-dettalji tal-missier naturali, filwaqt li annetta Att tal-Mewt ta' N I u kif ukoll ta' G B;[25]

Rat ix-xhieda ta' Dr Mario Scerri;[26]

Rat li minkejja li għal kull buon fini ġiet maħtura l-Assistant Ġudizzjarju Dr Abigail Critien sabiex tisma' l-provi,[27] jirriżulta li l-provi xorta waħda baqgħu jinstemgħu quddiem il-Qorti;

Rat l-atti kollha tal-proċediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' A B;[28]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' H I, J K u O M;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;[29]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

Il-Qorti għandha quddiemha talba intavolata mill-atttur, fejn qiegħed jitlob lill-Qorti dikjarazjoni ġudizzjali fis-sens li għalkemm huwa twieled nhar is-16 ta' Novembru 1988 waqt li ommu kienet miżżewġa lil G B, huwa ma huwiex l-iben tar-raġel ta' ommu, iżda huwa iben il-mejjet N I, ċjoe' dak ir-raġel li ommu kellha miegħu relazzjoni extra-matrimonjali. Għalhekk qed issir din il-kawża sabiex jiġi

[24] Fol. 225.
[25] Fol. 233.
[26] Fol. 290.
[27] Li ġiet maħtura għal tali fini nhar l-4 ta' Lulju 2016, a fol. 124.
[28] Fol. 293.
[29] Fol. 292.

ddikjarat li l-attur huwa l-wild naturali tad-defunt N I u sussegwentament isiru l-korrezzjonijiet neċessarji fl-Att tat-Twelid tal-attur stess.

Min-naħa l-oħra, jirriżulta li H I, O Gallacher, J Safrrett, P Q, S I, T I, F Z, C B kollha qablu u ammettew it-talbiet tal-attur, filwaqt li għalkemm D B, E B, L M, N I u R I, huma debitament notifikati bir-rikors ġuramentat huma ma weġbux u għaldaqstant jinsabu fi stat ta' kontumaċja. Magħdud ma' dan, il-Qorti tara li l-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu fejn solleva numru ta' eċċezzjonijiet iżda rrimetta ruħu għall-ġudizzju tal-Qorti.

## 2. Provi Mresqa:

Il-provi mresqa fil-kawża odjerna huma s-segwenti:

*Iċ-Ċertifikat tat-Twelid ta' A B* bin-numru progressiv 5399 tas-sena 1988, fejn jirriżulta li ġie mwieled nhar it-18 ta' Novembru 1988 fiż-żwieġ ta' C u G B;

*Il-kuntratt datat 13 ta' Marzu 1992 li jinsab fl-atti tan-Nutar Dr Clyde La Rosa,* liema kuntratt sar minn N I bin-numru tal-karta tal-identita' Maltija 459540M, fejn jiġi ddikjarat illi huwa l-missier naturali tal-attur u kif ukoll li permezz tal-istess att qiegħed jirrikonoxxi lill-ibnu bħala l-iben naturali u dan għal kull fini u effett tal-liġi;

*L-affidavit ta' N I, l-allegat missier, ġuramentat nhar id-9 ta' Marzu 1992, anness mal-kuntratt surreferit*, fejn iddikjara kif iltaqa' ma' C B u li *"fis-sena tal-1988 C B ħarġet tqila bit-tarbija tiegħi, u fil-fatt hija weldet tarbija li nghatat l-isem "A" li twelditilha f'Tal-Pieta' mhux fl-isptar ta' Victoria, Għawdex fis-16 ta' Novembru 1988, billi hija kienet residenti Malta fid-dar tiegħi. (...) Hija kienet bdiet il-proċeduri għas-separazzjoni personali minn miegħu (G B) qabel ma ltaqgħet miegħi fl-1987. Zewġha kien l-Isptar Monte Carmeli minħabba instabilita'. (...) F'Novembru 1991 C B telqet mid-dar tiegħi u minn Novembru sal-lum ġiet biss tliet darbiet id-dar tiegħi, iżda jiena mort ħafna drabi u gieli għaddejt erba' jew ħamest ijiem għandha u norqod hemm fl-indirizz Block X, Flat X, X X X Sannat Gozo"*;

*L-affidavit ta' C B, omm l-attur, ġuramentat nhar l-4 ta' Marzu 1992, anness mal-kuntratt surreferit*, li tikkonferma l-verżjoni ta' N I;

*L-affidavit tal-attur ġuramentat nhar id-9 ta' Ottubru 2012*, fejn jikkonferma illi meta kellu tmien (8) snin huwa sar jaf minn ommu illi missieru naturali kien N I u dan anke' jekk ommu kienet ilha ma tgħix ma' żewġha sa mis-sena 1983. L-attur jiddikjara li *"Jiena lil G B ma nafux għaliex dejjem nafu rikoverat fl-isptar Monte Carmeli"*;

*Rat ix-xhieda tiegħu tas-16 ta' Marzu 2016*, fejn jikkonferma l-kontenut tal-affidavit tiegħu, u jgħid li jiftakar joqgħod għand N I meta kien għadu żgħir, u li kien jgħajjatlu *'papa'*, iżda konsegwentament hu u ommu marru jgħixu waħedhom Għawdex. Jispjega li N I kien reġa' stabbilixxa kuntatt miegħu meta l-attur kellu tlettax-il (13) sena u kienu ltaqgħu, fejn kien anke' laqqgħu ma' ħutu l-oħra lu llum kollha rrikonoxxewh u jagħrfuh bħala ħuhom. Fil-preżent jgħid li huwa viċin ħafna ta' ħuh N I. Konsegwentament l-attur jispjega li meta informa lil N I li kellu x-xewqa li jidħol jistudja l-Universita' ta' Malta ma kienx ħa pjaċir u ħadha kontrh hekk kif skontu l-ħajja mhux l-Universita' iżda l-ħajja tinsab fit-triq. Fil-fatt ma kienx kuntent bis-suċċess tal-attur, ma kienx joffrilu joqgħod għandu sakemm jistudja, jew jagħtih xi flus. Madanakollu minkejja l-karattru tiegħu, l-attur jispjega li fl-aħħar ta' ħajtu beda jagħmel iktar kuntatt miegħu, sakemm ulied N I kienu nfurmawh darba fost l-oħrajn li kien miet, u huwa kien mar il-funeral;

*L-affidavit ta' ommu C B ġuramentat nhar id-9 ta' Ottubru 2012*, li tikkonferma l-kontenut tal-affidavit ta' binha A B u tisħaq illi *"Jiena kien ilni ma ngħix ma N għal numru ta' snin u kuntatt ma ibnu A ftit li xejn kien hemm"*;

*Ix-xhieda ta' C B tas-16 ta' Marzu 2016*, fejn tikkonferma l-verżjoni kontenuta fl-affidavit tagħha u tispjega li hija kellha titlaq mid-dar ta' N I wara li kellha lill-attur għaliex ġabet 'il quddiem l-interessi ta' binha għaliex *"x'hin it-tifel wasal f'dak l-istat tal-iskola u kellu xi erba' snin, x'hin rajt li missieru ma kellu l-ebda nteress li niktbu f'xi skola, jien dabbart rasi u mort lura lejn Għawdex, u malli wasalt Għawdex bgħattu Kinder, bdejt nibgħatu l-iskola ta' Sannat"*. Madanakollu tikkonferma li N I ma kienx jagħtiha manteniment. Iżda tikkonferma li N I kien jitla' Għawdex, u dan anke jekk l-aġir tiegħu ma kienx wieħed kalm. Meta kiber, ix-xhud tikkonferma li ma kienetx tħajjar lit-tifel sabiex jara lil missieru N I;

*L-affidavit ta' F Z, illum defunta, ġuramentat nhar id-9 ta' Ottubru 2012*, li tikkonferma li *"Ommi kienet ilha ma toqgħodx ma missieri sa mis-sena 1983. Missieri (G) infatti kien rikoverat ġo sptar mentali Monte Carmeli, iżda qatt ma sseparat minn miegħu. Nelfrattemp, ommi kellha relazzjoni ma' ċertu N I u madwar ħames snin wara minn meta ġie rikoverat fl-isptar imsemmi missieri, ommi kellha tifel minn din ir-relazzjoni (ma' N I) li semmugħ A"*;

*Iċ-Ċertifikat tal-Mewt ta' N I*;

*Ir-rapport ta' Dr Mario Scerri dwar il-proċess tal-eżumazzjoni tal-kadavru ta' N I*, maħluf u ppreżentat nhar l-4 ta' Frar 2019, liema eżumazzjoni seħħet nhar il-15 ta' Marzu 2018;

*L-affidavit ta' Dr Marisa Cassar*, maħluf u ppreżentat nhar l-1 ta' Frar 2019, fejn annettiet rapport tat-test ġenetiku li jikkonferma li d-defunt N I huwa l-missier naturali tal-attur A B;

*In-nota ġuramentata datat 28 ta' Frar 2020 bid-dettalji tad-defunt N I*, li tispeċifika: (i) In-numru tal-karta tal-identita' tiegħu hija XXX; (2) Ismu u kunjomu huma N I; (3) L-eta' tiegħu meta twieled il-minuri A kienet dik ta' 47 sena; (4) Il-post tat-twelid tiegħu huwa Birkirara; (5) Il-post ta' residenza tiegħu meta twieled A huwa Birkirkara; (6) L-isem u l-kunjom ta' missieru huwa X I; u (7) Missier l-allegat missier kien ħaj meta twieled A.

## 3. Il-Prinċipji Legali:

Artikolu 67 tal-Kodiċi Ċivili jistipula li meta tarbija titwieled minn mara miżżewġa li tkun ikkonċepiet l-istess tarbija matul iż-żwieġ, il-presunzjoni legali hi, salv l-eċċezzjonijiet kontemplati mill-liġi, illi l-wild huwa iben ir-raġel tal-omm li weldet it-tarbija. L-Artikolu 67 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi: *"L-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu"*. Għalhekk għal-liġi tagħna, l-omm tat-tarbija hija dejjem l-omm li weldet it-tarbija, *"mater semper certa est"*.

Il-liġi nostrana ma tikkonsidrax b'mod leġġer talbiet sabiex isir tibdil fl-att tat-twelid ta' persuni mwielda fiż-żwieġ. Madanakollu l-azzjoni ta' *denagata paternita'* u dan ai termini tal-liġi tista' tirnexxi f'ħames (5) ċirkostanzi: (i) Ai

termini tal-Artikolu 70 tal-Kodiċi Ċivili, liema azzjoni għandha tinbeda mill-konjuġi li ma wellidx, (ii) Ai termini tal-Artikolu 77 tal-Kodiċi Ċivili, liema azzjoni tista' ssir minn min ikollu interess, (iii) Ai termini tal-Artikolu 77A tal-Kodiċi Ċivili, liema azzjoni għandha tinbeda mill-allegat missier, (iv) Ai termini tal-Artikolu 77B tal-Kodiċi Ċivili, liema azzjoni għandha tinbeda mill-omm, u (v) Ai termini tal-Artikolu 84 tal-Kodiċi Ċivili, liema azzjoni għandha tinbeda mill-iben innifsu. F'dan ir-rigward *vide* s-sentenza fl-ismijiet **Diane Lia noe vs Mohamed Melikechi et**.[30]

B'referenza speċifika għall-Artikolu 83 u 84 tal-Kodiċi Ċivili tal-Liġijiet ta' Malta, dan jistipulaw illi:

*"83. Il-prova kuntrarja tista' ssir b'xhieda li turi li min jitlob l-istat mhux bin il-persuna illi hu jgħid li welditu, inkella, meta din hija pprovata, illi hu mhux bin il-parti l-oħra taż-żwieġ";*

*"84. M'hemmx preskrizzjoni għall-azzjoni għal tifel biex jistabbilixxi l-filjazzjoni proprja tiegħu".*

Għalhekk il-Qorti tissottolineja illi meta tkun rinfaċċjata b'talba dwar il-paternita' mill-wild innifsu, tali wild għandu l-fakolta' li dejjem u meta jrid, iressaq provi illi jindikaw illi l-istat tiegħu ma huwiex konformi maċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu. Isegwi għalhekk, li t-talba tal-iben jew bint innifishom ma tiġix preskritta.[31]

## 4. L-Azzjoni Odejrna b'Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali:

Il-Qorti għandha quddiemha talba da parti tal-attur relatata mal-paternita` tiegħu, stante li qed jiġi allegat li għalkemm huwa twieled fiż-żmien meta ommu C B kienet għadha legalment miżżewġa lil G B, hu ma huwiex iben l-imsemmi G B iżda iben id-defunt N I. Għalhekk, qed tintalab dikjarazzjoni li l-attur ma huwiex il-wild naturali ta' G B iżda ta' N I, illum it-tnejn defunti, u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet neċessarji fiċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu.

---

[30] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Dicembru 2002.

[31] Ara: (i) **Josette Magri vs Alfred Cauchi et**, deċiża minn din il-Qorti kif presjeduta nhar l-10 ta' Ottubru 2019, (Rikors Ġuramentat Numru 218/2015 AL), mhux appellata; (ii) **Trisia Abela pro et noe vs Albdabus Abdul Hamid et**, deċiża minn din il-Qorti kif presjeduta nhar l-20 ta' Ġunju 2019, (Rikors Ġuramentat Numru 259/2015 AL),

*In primis,* il-Qorti tossottlineja illi:

a. L-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku rigward in-neċessita' li jkunu kjamati fil-kawża l-eredi ta' G B u N I, ġiet sorvolata permezz ta' digriet datat 7 ta' Awwissu 2013; u,

b. It-tieni eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku rigward il-fatt li l-attur għandu jispeċifika dak tal-artikolu tal-liġi li fuqu qiegħda tiġi ppernjata l-kawża odjerna ġiet ukoll sorvolata, hekk kif fin-nota ġuramentata tiegħu, l-attur iddikjara *"l-artiklu li fuqu hija ippermjata l-kawża huwa l-artiklu 77 tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta".*[32] Madanakollu u fi kwalunkwe każ, il-Qorti tissottolineja illi nonostante l-fatt tali dikjarazzjoni, fil-fehma tagħha tali talba hija iktar inkwadrata abbażi tal-Artikolu 84 tal-Kodiċi Ċivili. Dan ma jfissirx li tali talba ma tistgħax tiġi inkwadrata fit-termini tal-Artikolu 77 tal-Kodiċi Ċivili, madanakollu ġialadarba din l-azzjoni mhux qed issir minn kwalunkwe persuna interessata iżda proprju mill-iben, il-Qorti tara illi d-disposizzjoni tal-liġi applikabbli hija dik l-iktar speċifika u mhux dik ġenerali.

Stabbilit il-premess, jirriżulta li l-Qorti jonqosha tagħti l-konsiderazzjonijiet tagħha rigward it-tielet eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li titratta l-kwistjoni tal-pussess ta' stat ai termini tal-Artikolu 80 u 81 tal-Kodiċi Ċivili. F'dan il-kuntest, il-Qorti tirribadixxi illi: *"huwa car li l-hsieb tal-ligi huwa dak li jipproteġi l-istat ta' legittima tal-persuna, la darba din twieldet fiz-zwieg, u la darba l-istat tal-istess minuri huwa konformi mal-istess diskrezzjoni wkoll hajja tieghu, hekk mizmum fir-rejalta' socjali bhala iben l-istess konjugi".*[33]

In vista li azzjoni ta' *denegata paternita'* tista' ssir abbażi ħames (5) azzjonijiet differenti kif permessibbli ai termini tal-liġi, u dan kif spjegat iktar 'il fuq f'din is-sentenza, jiġi speċifikat illi a kuntrarju tal-azzjonijiet elenkati f'Artikoli 77 u 77A, dawk l-azzjonijiet imsemmija f'Artikoli 70, 77B u 84 tal-Kodiċi Ċivili, ma humiex subordinati għall-Artikolu 81 li jitratta l-kwistjoni tal-pussess ta' stat. Fis-

[32] Fol. 234.
[33] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Carmel sive Charles Gauci vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku et**, deċiza nhar it-30 ta' Ġunju 2004.

sentenza fl-ismijiet **Josette Magri vs Alfred Cauchi et**,[34] fejn il-Qorti kienet rinfaċċjata b'ċirkostanzi ugwali għal dawk in eżami, u l-eċċezzjoni rigward il-pussess ta' stat ġiet respinta.

Għaldaqstant, mingħajr ma din il-Qorti tidħol fil-mertu tal-presunzjoni legali tal-pussess ta' stat maħluqa permezz tal-Artikolu 81 tal-Kodiċi Ċivili u r-relevanza tal-istess fil-prezent, din il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-azzjoni odjerna hija bbazata fuq Artikolu 84 tal-Kodiċi Ċivili, liema artikolu tal-liġi ma huwiex subordinat għall-Artikolu 81, ma hemmx l-obbligu u n-neċċessita' li l-Qorti tevalwa u tikkumenta dwar tali kwistjoni. Għaldaqstant u fid-dawl tal-premess, il-Qorti tiċħad it-tielet (3) eċċezzjoni tad-Direttur konvenut.

Fil-mertu, il-Qorti tara li mill-provi jirriżulta sodisfaċentament ippruvat illi l-attur twieled nhar it-18 ta' Novembru 1988, waqt li ommu C B kienet għadha legalment miżżewġa lil żewġha G B. Madanakollu mill-prova xjentifika tad-DNA kif kkonfermat minn Dr Marisa Cassar u dan wara li saret l-eżumazzjoni tal-fdalijiet tal-mejjet N I taħt id-direzzjoni ta' Dr Mario Cassar, jirriżulta ċar illi l-attur huwa l-iben naturali ta' N I, u mhux ir-raġel ta' ommu G B. In oltre, ir-relazzjoni extra-matrimonjali ta' omm l-attur ma' N I tirriżulta abbondantement mill-provi, b'mod partikolari mill-affidavit tal-istess mejjet.

Magħdud mal-premess, il-Qorti tagħti ukoll piż probabtorju: (i) tal-kuntratt magħmul minn N I fejn iddikjara li l-attur huwa ibnu, u konsegwentament irikonoxxih bħala tali, (ii) tal-fatt li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni formali da parti l-konvenuti, u (iii) il-fatt li ulied N I, almenu dawk li ppreżentaw nota fl-atti, ammettew it-talbiet tal-attur, u kkonfermaw li huma jirrikonoxxu lill-attur bħala ħuhom u *di piu'* li diġa' awtorizzaw lill-eredi ta' N I sabiex jgħaddu lill-attur is-sehem riżervat tiegħu.

Fid-dawl tal-premess, huwa inekwivoku li l-attur huwa l-iben naturali tal-mejjet N I u mhux ta' G B, u b'hekk hemm lok li dan jiġi ddikjarat permezz tas-sentenza odjerna u konsegwentament issir il-korrezzjoni neċessarja fl-att tat-twelid tal-attur. Fir-rigward tal-kunjom tal-attur, il-Qorti tara li fit-tielet talba tiegħu huwa talab lill-Qorti sabiex kunjomu jibqa' *'B'*. Konsegwentament fin-nota ġuramentata tiegħu, l-attur żied jgħid illi *"irid jingħad li meta żżewweġ, bis-saħħa*

[34] Deċiża minn din il-Qorti kif presjeduta nhar l-10 ta' Ottubru 2019, (Rikors Ġuramentat Numru 218/2015 AL), mhux appellata.

*tal-aħħar emendi tal-liġi fejn jirrigwarda l-għażla tal-kunjom, l-attur għażel li jżid kunjom martu, bir-riżultat li meta żżewweġ kunjomu ġie jaqra "Y B" u għaldaqstant huwa fl-interess tiegħu u tas-soċjeta' li huwa jibqa' magħruf b'dan il-kunjom".*

Il-Qorti tara illi ġialadarba l-attur stess qiegħed juri x-xewqa li fl-Att tat-Twelid tiegħu huwa jibqa' magħruf b'kunjom ommu, ossija *"B",* il-Qorti ma tarax għaliex dan ma għandux isir. Madanakollu, din il-Qorti ma għandhiex il-kompetenza sabiex tagħti dawk il-konsiderazzjonijiet rigward il-kunjom li assuma l-attur wara ż-żwieġ tiegħu ma' martu.

Finalment u rigward l-ispejjeż, mill-atti jirriżulta li l-attur ilu jaf li missieru naturali huwa N I sa minn meta kellu tmien (8) snin, madanakollu għażel li jipprosegwi bl-azzjoni odjerna meta kellu tlieta u għoxrin (23) sena. Barra minn hekk, ma jidhirx la fir-rikors ġuramentat u lanqas fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu li huwa qiegħed jitlob l-ispejjeż tal-kawża odjerna. Madanakollu fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti tara li l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet, għajr għal dawk tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-ispejjeż tal-periti maħtura mill-Qorti li għandhom ikunu mħallsa mill-attur.

**DEĊIDE:**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenut tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, u tipprovdi hekk kif ġej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tididkjara li A B ma huwiex iben G B iżda iben N I;

2. Tilqa' it-tieni talba u tordna lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jaffettwa dawk il-korrezzjonijiet neċessarji fl-Att tat-Twelid ta' A B, liema Att tat-Twelid għandu n-numru progressiv 5399 tas-sena 1988, u dan billi jiġu kkanċċellati l-konnotati ta' G B u minnflokhom jiġu nseriti l-konnotati ta' N I.

3. Tilqa' it-tielet talba u tordna li kunjom l-attur fuq l-Att tat-Twelid tiegħu bin-numru progressiv 5399 tas-sena 1988 għandu jibqa' *'B'*.

Bl-ispejjeż kollha tal-kawża odjerna għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet, għajr għal dawk tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-ispejjeż tal-periti maħtura mill-Qorti li għandhom ikunu mħallsa mill-attur.